MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2007

Appell Civili Numru. 1886/2001/1

**Agius Marble Works Limited**

**v.**

**AX Construction Limited**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

F'din il-kawża s-soċjetà attriċi qegħda titlob ħlas għal xogħol li għamlet b'appalt.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi bi tliet kuntratti ta' appalt is-soċjetà konvenuta kienet qabbdet lill-attriċi tagħmel xogħlijiet ta' tindif u ta' restawr fil-fond magħruf bħala Scamps Palace fil-Cottonera. Wara li nbeda x-xogħol skond il-kuntratti, l-attriċi kienet mitluba kemm-il darba biex tagħmel xogħlijiet oħra li kienet tinqala' ħtieġa għalihom iżda li ma kinux jaħsbu għalihom il-kuntratti. Wara li l-attriċi ħarġet stimi għal dawn ix-xogħlijiet żejda u l-istimi kienu aċċettati mill-konvenuta, l-attriċi wettqet ix-xogħlijiet.

Billi l-kuntratti ma kenux jaħsbu għal dawn ix-xogħlijiet żejda, ix-xogħlijiet ma kenux jissemmew fiċ-ċertifikati ta' ħlas li minn żmien għal żmien kienet toħroġ il-konvenuta meta kienet tasal biex tagħmel xi ħlas għal xogħlijiet li tlestew skond il-kuntratti. Għalhekk, kif jidher minn ċertifikat ta' ħlas tal-10 t'Awissu 2001, għalkemm is-soċjetà attriċi tħallset *in solidum* [recte: għas-saldu] għax-xogħlijiet li għamlet skond il-kuntratti, baqgħet ma tħallsitx għax-xogħlijiet żejda li għamlet.

Il-prezz għal dawn ix-xogħlijiet żejda huwa ta' tlettax-il elf, tliet mija u tmienja u tmenin lira u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (Lm13,388.75). Għalkemm kienet imsejħa kemm-il darba, ukoll b'ittra uffiċjali tat-28 ta' Settembru 2001, biex tħallas dan il-prezz u l-imgħax legali, l-attriċi [recte: il-konvenuta] baqgħet ma ħallsitx.
Barra minn hekk, skond it-tliet kuntratti ta' appalt il-konvenuta kellha l-jedd illi żżomm *retention* ta' ħamsa fil-mija (5%) tal-valur tal-kuntratti, u dan l-ammont kellu jitħallas lill-attriċi hekk kif ix-xogħlijiet jitlestew u jkunu ċertifikati mill-periti inkarigati mill-proġett. Għalkemm ix-xogħlijiet ilhom minn Ġunju ta' l-2001 li tlestew, u għalkemm ġew ċertifikati, il-konvenuta baqgħet ma ħallsitx ir-*retention* lill-attriċi. Il-ħlas miżmum jammonta għal sitt mija u disgħin lira u tmienja u sittin ċenteżmu (Lm690.68).

L-attriċi għalhekk fetħet din il-kawża biex titlob il-ħlas ta' tlittax-il elf, tliet mija u tmienja u tmenin lira u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (Lm13,388.75) u sitt mija u disgħin lira u tmienja u sittin ċenteżmu (Lm690.68) — b'kollox erbatax-il elf u disgħa u sebgħin lira u tlieta u erbgħin ċenteżmu (Lm14,079.43) — u l-ispejjeż ġudizzjarji,

fosthom dawk ta’ l-ittra uffiċjali tat-28 ta’ Settembru 2001, u tal-mandat ta’ sekwestru numru 3277/2001.

Waqt li kienet miexja l-kawża l-konvenuta ħallset ir-*retention* ta’ sitt mija u disgħin lira u tmienja u sittin ċenteżmu (Lm690.68)[1].

L-attriċi kienet talbet ukoll illi l-kawża tinqata’ bid-dispensa tas-smigħ, taħt il-proċedura sommarja speċjali, iżda l-Qorti b’digriet tal-5 ta’ Frar 2002[2] ordnat illi l-kawża timxi bil-proċedura normali, u l-konvenuta ressqet dawn l-eċċezzjonijiet[3]:

1. it-talbiet ta’ l-attriċi huma infondati fil-fatt u fid-Dritt inkwantu fittizji u fabbrikati biex jippruvaw jintalbu ammonti mhux dovuti. Huwa minnu illi x-xogholijiet originali kienu koperti b’kuntratti esebiti Dok. “A”, “B” u “C” mac-citazzjoni attrici. Tul il-kors tal-progett diversi xogholijiet addizjonali kienu rikjesti mill-klient principali Port Cottonera Limited u mill-Perit tal-klient Edwin Mintoff & Associates. Dawn ix-xogholijiet saru u huma riflessi fil-“*Final Account*” kopert b’certifikat numru tmienja (8) datat 12 ta’ Lulju 2001 u li kien jinkludi l-ammont ta’ tlettax-il elf tmien mija u tlettx-il lira u hamsin centezmu (LM13,813.50) ghax-xogholijiet kontrattati, u sittax-il elf mitejn u tletin Lira u tmien centezmi (LM16,230.08) ghal Xogholijiet ohra, b’kollox dan jaghti valur totali certifikat ta’ tletin elf tlieta u erbghin Lira u tmienja u hamsin centezmu (LM30,043.58).

2. Illi mil-ammont ta’ LM30,043.58 tnaqqas l-ammont ta’ elfejn tliet mija u tlettax-il Lira u tmienja u sittin centezmu (LM2,313.68) bhala *retention money*, kif ukoll erba’ mija disgha u tletin Lira erba’ centezmi (LM439.04) bhala *deductions*. Il-bilanċ ta’ sebgha u ghoxrin elf mitejn u disghin Lira u sebgha u tmenin centezmu thallas u gie accettat ghas-saldu fl-10 ta’ Awissu 2001. Dan jinsab dokumentat. Kien hemm inkontri sussegwenti bejn ir-

[1] Ara l-*affidavit* ta’ Rosario Agius, direttur tas-socjetà attrici, mahluf fil-11 ta’ Novembru 2002, para. 2, *fol*. 120

[2] *Fol*. 85.

[3] *Fol*. 87.

rapprezentant tas-socjeta` konvenuta Quantity Surveyor Andrew Jaccarini u d-Direttur tas-socjeta` attrici Rosario Agius, fejn is-sur Agius stqarr illi ma kienx hemm problemi mal-kont finali kif certifikat u ghalhekk huwa partikolari kif is-socjeta` attrici fi stadju ulterjuri ipproduciet fatturi ohra. Jixdied jinghad illi dawn il-fatturi huma datati 10 ta' Awissu 2001 l-istess data ta' l-ircevuta ghas-saldu.

3. Illi jizdied jinghad illi kien hemm skambju ta' korrispondenza bejn il-konsulent legali tas-socjeta` attrici Dr. Nicolai Vella Falzon u Tonio Farrugia, Group Administration Director tas-socjeta` esponenti u dan in konnessjoni ma' talba separata minn Agius Stone Works Limited mertu ta' kawza ohra li qed jintalab b'rikors separat illi jigu mismugha kontestwalment. Fil-kors ta' tali skambju ma kien hemm ebda semmija ta' tali fatturi ta' Agius Marble Works Limited. Kien biss fl-inkontru tas-17 ta' Settembru 2001 illi s-sur Rosario Agius irrefera ghall-fatturi ulterjuri; li s-socjeta` konvenuta ma kenitx irceviet izda kienu allegati ma' l-ittra ufficjali mibghuta mis-socjeta` attrici tat-28 ta' Settembru 2001.

B'nota tat-3 ta' Ġunju 2002[4] il-konvenuta ressqet ħames eċċezzjonijiet oħra dwar il-fatturi maħruġa mill-attriċi. Dawn l-eċċezzjonijiet jgħidu hekk:
1. dwar fattura 061/01: l-istima relativa ma kinitx aċċettata u x-xogħol ma sarx ħlief għal xi ħaġa minima;

2. dwar fattura 056/01: l-istima relativa ma kinitx aċċettata u x-xogħlijiet li saru kienu differenti;

3. dwar fattura 058/01: qatt ma saret stima, u x-xogħlijiet li saru ma kinux jiswew aktar minn mitt lira (Lm100) u

4. dwar fattura 059/01: hemm diskrepanza fil-matematika u fir-rata miftiehma, u x-xogħlijiet iddaħħlu fl-istima aħħarija; u

---
4 *Foll.* 114 *et seq.*

5. dwar fattura 060/01: it-talba hija ogħla mill-istima, u x-xogħlijiet iddaħħlu u tħallsu fl-istima aħħarija.

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet finalment minn din il-vertenza b’sentenza moghtija fit-8 ta’ Marzu, 2005 billi ikkonkludiet hekk: “Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta’ l-kawża billi tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta’ tmint elef, sitt mija u sebgħin lira (Lm8,670). L-ispejjeż ġudizzjarji jinqasmu hekk: parti minn tlieta (⅓) tħallasha s-soċjetà attriċi u żewġ partijiet minn tlieta (⅔) tħallashom is-soċjetà konvenuta.” Dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Essenzjalment, il-kontestazzjonijiet tal-konvenuta huma tnejn: (1) ix-xogħlijiet li għalihom qiegħed jintalab ħlas jew ma sarux jew, jekk saru, tħallsu, u (2) f’kull każ l-attriċi ħarġet riċevuta għas-saldu u għalhekk ma tistax tkompli tippretendi ħlas ieħor. Inqisu l-ewwel il-kwistjoni tar-riċevuta.

“Huwa minnu illi l-konvenuta fl-10 t’Awissu 2001 ħarġet riċevuta “in full and final settlement” u li tgħid illi “The Sub-Contractor [is-soċjetà attriċi] declares that there are no other pending claims of any nature except for the retention sum … … …”[5].

“Madankollu, jekk tassew jirriżulta li saru xogħlijiet oħra li għalihom għadu ma sarx ħlas, u għalhekk l-istqarrija li l-ħlas sar għas-saldu kienet żbaljata, ir-riċevuta ma żżommx lill-attriċi milli titlob ħlas għal xogħol li għamlet u li għadha ma tħallsitx għalih[6]. Kien ikun differenti li kieku l-partijiet, wara li qiesu x-xogħlijiet kollha, ftiehmu fuq ħlas għal xogħlijiet li kellhom xi differenzi dwarhom, biex hekk jaqtgħu il-kontroversja, għax f’dak il-każ ir-riċevuta tieħu wkoll il-forma ta’ ftehim ta’ transazzjoni, u għalhekk, wara li jkun intlaħaq dak il-ftehim, parti ma tkunx tista’ tmur lura minnu u tippretendi li l-kontijiet jerġgħu jinfetħu mill-ġdid.

[5] *Fol.* 97.

[6] Ara Emilia Bartoli *versus* Av Dr Eduardo Vassallo, App. Civ. 19/02/1937.

“Fil-każ tallum, iżda, u għal raġunijiet li sejrin jidhru aktar ’il quddiem f’din is-sentenza, li ġara hu li kien hemm xi xogħlijiet illi ma tqisux. Jidher ukoll, billi l-kontijiet tħejjew mill-konvenuta, mhux mill-attriċi, illi l-iżball ta’ omissjoni kien żball tal-konvenuta, u għalhekk ma huwiex xieraq illi tbati l-attriċi u tgawdi l-konvenuta minn dan l-iżball.

“Fil-fehma tal-qorti, għalhekk, il-ħruġ ta’ riċevuta għas-saldu ma jżommx lill-attriċi milli titlob ħlas għal xogħlijiet li tħallew barra meta saru l-kontijiet li fuqhom sar il-ħlas.

“Ngħaddu issa biex inqisu jekk tassew kienx hemm xogħlijiet li saru mill-attriċi u li ma tqisux fil-kontijiet.

“Dawn ix-xogħlijiet saru fil-kuntest ta’ appalt mogħti minn terzi lill-konvenuta u li partijiet minnu ngħata b’sub-appalt mill-konvenuta lill-attriċi. Kontra dak li qalet il-konvenuta fin-nota ta’ osservazzjonijiet tagħha[7], il-qorti temmen illi x-xhieda tal-perit imqabbad mill-klijent tal-konvenuta biex jissorvelja u jiċċertifika x-xogħlijiet hija mhux biss ammissibbli iżda wkoll importanti ħafna għax ħadd aħjar mill-perit li iċċertifika x-xogħlijiet ma jista’ jgħid jekk ix-xogħlijiet li għalihom qiegħda tippretendi ħlas l-attriċi sarux tassew jew humiex “fittizji” kif tgħid il-konvenuta.

“Il-qorti sejra għalhekk toqgħod fuq ix-xhieda tal-Perit Keith Yoemans biex tasal għall-konklużjoni tagħha, u sejra toqgħod fuq il-kummenti tiegħu dwar kull waħda mill-fatturi li għalihom l-attriċi qiegħda titlob ħlas.

“Dwar fattura 061/01[8]
Ix-xogħol imsemmi f’din il-fattura, li għalih qiegħed jintalab ħlas ta’ tliet mija u ħamsin lira (Lm350), sar u jixraqlu l-ħlas mitlub.

“Dwar fattura 056/01[9]

---

7 *Foll.* 177 *et seq.*

8 *Fol.* 76.

9 *Foll.* 77 *et seq.*

Din il-fattura hija għal tmint elef, ħames mija u sitta u sittin lira u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (Lm8,566.25), u fiha tmien partiti. Ix-xogħlijiet kollha saru iżda l-ħlas għall-partiti (1) u (2) u għal parti minn (6) ġà sar. Għalhekk għandu jsir tnaqqis ta' elf u ħames mitt lira (Lm1,500) tal-partita (1) u ta' tmien mija u sitta u erbgħin lira u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (Lm846.25) tal-partita (2). Fil-partita (6) qiegħed jintalab ħlas ta' elf, mitejn u ħmistax-il lira (Lm1,215) għall-bdil ta' mija u tnejn u sittin (162) kantun tal-franka b'rata ta' seba' liri u nofs (Lm7.50) kull kantun. Gà sar ħlas għal għoxrin (20) kantun u għalhekk għandu jsir tnaqqis ta' mija u ħamsin lira (Lm150). Mela minn din il-partita għandhom jitnaqqsu b'kollox elfejn, erba' mija u sitta u disgħin lira u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (Lm2,496.25) u għalhekk jifdal sitt elef u sebgħin lira (Lm6,070).

"Dwar fattura 058/01[10]

Ix-xogħol imsemmi f'din il-fattura, li għalih qiegħed jintalab ħlas ta' elfejn lira (Lm2,000), sar u jixraqlu l-ħlas mitlub.

"Dwar fattura 059/01[11]

Ix-xogħol imsemmi f'din il-fattura sar. L-attriċi qiegħda titlob ħlas għal ħames (5) għetiebi tal-qawwi b'rata ta' mija u sittin lira (Lm160) kull waħda. Dan il-prezz huwa wisq, u aktar jixraq ħamsin lira (Lm50) kull għatba. Il-prezz għalhekk għandu jinżel għal mitejn u ħamsin lira (Lm250).

"Dwar fattura 60/01[12]

Ix-xogħol imsemmi f'din il-fattura ma sarx mill-attriċi, li għalhekk ma għandha tieħu ebda ħlas għalih.

"B'kollox, mela, il-ħlas li għandha tieħu l-attriċi huwa dan:

| | | |
|---|---|---|
| • | fattura 061/01 | Lm 350.00 |
| • | fattura 056/01 | Lm 6,070.00 |

10 *Fol*. 79.

11 *Fol*. 80.

12 *Fol*. 81,

| | |
|---|---|
| • fattura 058/01 | Lm 2,000.00 |
| • fattura 059/01 | Lm 250.00 |
| B'kollox: | Lm 8,670.00 |

"L-attriċi għalhekk fadlilha tieħu tmint elef, sitt mija u sebgħin lira (Lm8,670)."

**L-appelli interposti.**

Is-socjeta` konvenuta hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq riportata u b'hekk b'rikors intavolat fit-22 ta' Marzu 2005, talbet li din il-Qorti joghgobha thassar tirrevoka tannulla is-sentenza imsemmija billi previja li tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici.

Is-socjeta` attrici pprezentata risposta ghall-appell tas-socjeta` konvenuta fejn, filwaqt li ssottomettiet illi s-sentenza hija gusta u timmerita konferma fil-mertu, iddikjarat li kienet hassitha aggravata mid-decizjoni appellata in kwantu ghall-kap ta' l-imghax biss u ghalhekk interponiet appell incidentali mill-istess kap u talbet li s-sentenza appellata tigi riformata billi l-kumpannija appellanti tigi kkundannata thallas ukoll l-imghax legali fuq is-somma dovuta lilha bir-rata ta' tmienja fil-mija mill-10 ta' Awissu, 2001 sad-data tal-pagament effettiv.

Is-socjeta` konventa pprezentat risposta ghall-appell incidentali tas-socjeta` attrici fejn gie sottomess li ebda imghax ma hu dovut billi dan ma kienx mitlub fic-citazzjoni u fi kwalunkwe kaz l-ammont reklamat kien kontestat u, per konsegwenza jigi determinat biss bid-decizjoni ta' din il-Qorti. Isegwi ghalhekk li ghandu japplika l-principju "*in illiquidis non fit mora.*"

**L-aggravji tas-socjeta` konvenuta appellanti.**

L-aggravji tas-socjeta` konvenuta gew sintetizzati hekk fir-rikors ta' l-appell:

a) l-ewwel Onorabbli Qorti malament interpretat l-ircevuta illi hemm hlas ghas-saldu billi ammettiet hlasijiet ohrajn; l-interpretazzjoni korretta messha kienet illi it-tifsira

“in full and final settlelement” u illi ma hemmx pendenzi ohra [tfisser] illi kwalunkwe talba ohra hija prekluza;

b) minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ewwel Qorti malament interpretat it-talbiet addizjonali ghall-hlas u dan kif espost mill-konvenuta fin-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri;

c) l-ewwel Qorti malament interpretat il-provi meta qaghdet esklusivament fuq ix-xhieda tal-Perit Keith Yeomans minghajr ma qiset il-konflitt car ta’ interess tieghu.

**X’Gara fil-mori ta’ dawn il-proceduri.**

Fil-mori ta’ dawn il-proceduri s-socjeta` konvenuta appellanti pprezentat rikors fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija, talbet li din il-Qorti tippermetti li ssir domanda lill-Perit Yeomans fis-sens jekk meta ghamel l-*affidavits* f’din il-kawza, kienx impjegat ta’ l-attrici jew ta’ grupp ta’ socjetajiet ta’ Agius Marble Works Limited/Agius Stone Works Limited.

Din il-kwistjoni giet sorvolata fl-udjenza tat-2 ta’ Ottubru 2007, meta d-difensur tas-socjeta` konvenuta appellanti accetta d-dikjarazzjoni maghmula mid-difensur tas-socjeta` konvenuta appellata fis-sens “*illi l-Perit Keith Yeomans qatt ma kellu relazzjoni la bhala konsulent u lanqas bhala impjegat ma’ Agius Marble Works Ltd izda jista’ jkun li dak iz-zmien kien ghadu kif beda relazzjoni professjonali ma’ Agius Stone Works Ltd fis-sens li bhal ma jkunu involuti Periti ohra fuq progetti ta’ restawr li jkollha din il-kupannija gieli kien ikun involut hu wkoll.”* Fl-istess udjenza d-difensuri tal-partijiet qablu wkoll li Agius Marble Works Ltd u Agius Stone Works Ltd huma zewg kumpanniji fejn l-azzjonisti huma l-istess. In vista ta’ din id-dikjarazzjoni d-difensur tas-socjeta` appellanti ma baqax jinsisti li jinstema’ l-Perit Yeomans u konsegwentement din il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors tat-22 ta’ Marzu, 2005.

**Ikkunsidrat.**

Ma jidhirx li hemm kontestazzjoni li x-xogholijiet addizzjonali, hlief ghal dawk indikati fl-invoice numru 60/01, li s-socjeta` attrici qed tirreklama hlas taghhom gew effettivament esegwiti mill-istess socjeta` a soddisfazzjon kemm tas-socjeta` konvenuta kif ukoll tal-klijent u cioe` Port Cottonera Project Limited. Il-kwistjoni li hemm bejn il-kontendenti hija msejjsa fuq il-fatt li s-socjeta` konvenuta tghid li meta nhareg l-ahhar *certificate of payment* u cioe` certifikat numru 8 tat-12 ta' Lulju 2001, meta r-rappresentant tas-socjeta` attrici u cioe` Rosario Agius irceva l-hlas tal-bilanc dovut huwa wkoll iffirma dikjarazzjoni li tali pagament kien qed isir "*in full and final settlement*" u ddikjara inoltre li "*there are no pending claims of any nature except for the retention sum*". Is-socjeta` konvenuta ghalhekk issostni li ebda ammont ma hu dovut lis-socjeta` attrici.

Is-socjeta` attrici issostni li din id-dikjarazzjoni kienet saret bi zball u sussegwentement ghall-iffirmar ta' l-istess dikjarazzjoni rapprezentanti taghha kienu avvicinaw lir-rapprezentanti tas-socjeta` konvenuta bir-reklam taghom izda, ghalkemm saru diversi laqghat u diskussjonijiet, anke offerti da parti tas-socjeta` konvenuta, ma intlahaqx ftehim u ghalhekk saret din il-kawza.

L-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li t-talba attrici kienet timmerita li tigi milqugha, anke jekk in parte, billi kien jidher li dak li sehh fit-10 ta' Awissu 2001, meta giet iffirmata d-dikjarazzjoni, kien effett ta' zball u konsegwentement is-socjeta` attrici kellha kull dritt li terga' tiftah il-kwistjoni dwar l-ammonti dovuti u li ma kienux inkluzi fil-kont "finali". Is-socjeta` konvenuta appellanti ssostni li din il-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti kienet zbaljata billi l-kliem "*in full and final settlement*" ghandha tittiehed li tfisser proprju hekk u li konsegwentement ma jista' jkun hemm xejn izjed dovut. Issostni wkoll li hemm cirkostanzi partikolari hafna meta tali dikjarazzjoni tista' tigi mwarrba u t-talba addizzjonali investigata, u skond l-appellanti dawn ic-cirkostanzi ma jikkonkorrux fil-kaz in ezami.

Ezaminati l-atti din il-Qorti taqbel pjenament ma dak li kkonkludiet l-ewwel Qorti u dana mhux biss minhabba l-mod kif saru l-affarijiet dakinhar tat-12 ta’Lulju, 2001, kif deskritti fl-affidavit ta’ Rosario Agius, izda anke minhabba l-fatt li l-*istatement* ossia *Certifcate of Payment*, li kien tlesta mis-socjeta` konvenuta, ma jaghti ebda dettalji dwar ix-xogholijiet addizzjonali, mhux kontestati, li l-pagament ghas-saldu kien intenzjonat li jkopri. Inoltre, u hawn din il-Qorti tirravisa certa malizzja fil-mod kif kienet redatta l-istess dikjarazzjoni ffirmata mir-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta, billi f’dik l-istess dikjarazzjoni issir referenza specifika ghas-“*Sub-Contract Agreement Ref. PC-002/PC-003/PC-004 (Contracts A,B and C)* b’mod li min jhares lejn dik id-dikjarazzjoni qabel ma jiffirma jinghata x’jifhem li dak il-pagament “*ghas-saldu*” kien qed isir in konnessjoni max-xogholijiet indikati fl-istess “*Sub-Contract Agreements”* u mhux ukoll, kif issostni s-socjeta` konvenuta, anke ghax-xogholijiet addizzjonali li saru oltre dak li kien stipulat fl-istess “*Agreements*”. Din il-Qorti ghalhekk ma tara xejn x’ticcensura f’dak li kkonkludiet l-ewwel Qorti fir-rigward.

Dan stabbilit tibqa’ l-kwistjoni ta’ kemm effettivament huwa dovut lis-socjeta` attrici ghax-xogholijiet addizzjonali minnha ezegwiti. Fir-rigward jidher li l-ewwel Qorti strahet fuq ix-xiehda ta’ Keith Yeomans li fi kliemu stess kien “*engaged by the firm of Architects Dr Edwin Mintoff & Associstes to act as site manager at the Port Cottonera Project on behalf of clients Port Cottonera Limited. That Scamps Palace is part of the Port Cottonera Project.*” Is-socjeta` konvenuta appellanti hassitha aggravata b’dan il-fatt billi skond hi, l-ewwel Qorti kellha taghti importanza ghax-xiehda tal-*Quantity Surveyor* Andrew Jaccarini u fit-tieni lok ix-xiehda ta’ dan Yeomans hija suspetta billi, skond l-istess socjeta` konvenuta dan ix-xhud, fiz-zmien relevanti, kellu xi relazzjoni ta’ xoghol mas-socjeta` attrici jew soscjeta` ohra ta' l-istess socji formanti parti s-socjeta` attrici.

Din il-Qorti hija tal-fehema li fic-cirkostanzi x-xhieda ta’ Yeomans kienet l-aktar wahda attendibbli u dana billi, kif ighid l-istess Yeomans “*That as site manager I liased with*

*the clients, Port Cottonera Limited and also with various contractors working on the project.*” Bhala konsegwenza l-istess xhud jkompli jghid “*That I am in a position to state whether the works for which Agius Marble Works are claiming payment were in fact carried out by Agius Marble Works or otherwise*.” Din il-Qorti tifhem li din il-persuna kienet l-aktar wahda idonea fic-cirkostanzi billi, fl-interess tas-socjeta` appaltanti cioe` Port Cottonera Limited, kellha d-dmir li tivverifika li x-xogholijiet saru u li saru sew. Kuntrarjament ghall-*Quantity Surveyor* tas-socjeta` konvenuta li kellu biss d-dmir li jhares l-interess tas-socjeta` konvenuta appaltatrici. Ghalhekk ma kienx xejn barra minn loku, u anzi hekk kien mistenni, li l-ewwel Qorti tistrieh fuq dak li kkonkluda Yeomans meta qal hekk “*In conclusion therefore, it is my opinion that Agius Marble Works Ltd can lay full claim to having completed all works included in invoices 061/01, 056/01, 058/01 and 59/01 but not 60/01.*”

Ghar-rigward tal-pregudizzjali mressqa mis-socjeta` konvenuta appellanti dwar ix-xhud Yeomans din il-Qorti hi tal-fehma li l-istess socjeta` konvenuta ma ressqet ebda prova dwar xi pregudizzju da parti ta’ dan ix-xhud favur is-socjeta` attrici. Il-fatt li dan seta' kellu relazzjonijiet ta’ xoghol ma' socjeta` assocjata mas-socjeta` attrici ma ghandux jirrifeltti hazin fuq il-gudizzju tieghu fil-kaz in ezami. Inoltre jigi osservat li s-socjeta` konvenuta lanqas biss ma ressqet lil dan ix-xhud in kontro-ezami biex jew tikkontesta l-konkluzjonijiet tieghu jew turi xi preferenza (*bias*) kif qed jigi allegat. Is-sottomissjoni tas-socjeta` konvenuta appellanti fir-rigward ghalhekk hija bla bazi.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tas-socjeta` konvenuta appellanti ser jigi michud billi l-aggravji minnha mressqa ma jirrizultawx fondati.

**Ikkunsidrat ulterjorment.**

Kif gja` inghad is-socjeta` attrici ntavolat appell incidentali billi qed issostni li l-ewwel Qorti naqset “*milli tiddeciedi dwar it-talba ghall-hlas ta’ l-imghax fuq l-ammont ta’ tmint elef sitt mija u sebghin lira*”. In effetti s-socjeta` attrici

tirritjeni li, gia` la darba dan huwa debitu ta’ natura kummercjali, skond l-Artikoli 1141(1) tal-Kodici Civili, l-imghax ghandu jibda jiddekorri minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita u li konsegwentement is-socjeta` konvenuta ghandha tigi kundannata thallas imghax ta’ 8% fuq is-somma likwidata mill-10 ta’ Awissu 2001, sad-data tal-pagament effettiv.

Issa minn harsa lejn it-talbiet attrici jidher li dan l-aggravju huwa gustifikat billi, kuntrarjament ghal dak sottomess fir-risposta tas-socjeta` konvenuta ghall-appell incidentali tas-socjeta` attrici, it-talba attrici tikkomprendi l-hlas ta’ l-imghax. Infatti hemm jinghad hekk: “*Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ erbatax-il elf u disa u sebghin lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu* ***(LM14,079.43)*** *oltre l-imghax legali* ….” (enfazi tal-Qorti).

L-imghax f’materja ta’ natura kummercjali jibda jiddekorri mid-data tal-obbligazzjoni u ghalhekk ma kienx hemm il-htiega, kif sottomess fir-risposta tas-socjeta` konvenuta, li ssir talba specifika b’referenza ghad-data tal-fattura.

Tibqa’ l-kwistjoni ta’ jekk, kif sottomess mis-socjeta` konvenuta, dan l-imghax ghandux jiddekorri mid-data tal-fattura jew mis-sentenza finali, gialadarba l-ammont kien kontestat u dana b’rispett lejn il-principju ta’ ”*in illiquidis non fit mora.*” Din il-Qorti ma tistax taqbel mas-sottomissjoni tas-socjeta` appellanti billi fl-ewwel lok l-ammont mitlub fic-citazzjoni kien wiehed determinat u ghalkemm l-ammont eventwalment likwidat kien anqas minn dak mitlub xorta japplika l-principju li “*il piu` comprende il meno*” liema ammont inqas jattira imghax skond il-ligi. Fit-tieni lok il-kontestazzjoni tas-socjeta` konvenuta ma kinitx fuq jekk l-ammont reklamat kienx dovut ghax ma sarx ix-xoghol, ghalkemm din l-eccezzjoni tikkoncerna certa fatturi, izda pjuttost u principalment ghaliex is-socjeta` konvenuta kienet iffirmat dikjarazzjoni li dak li kien thallas fl-10 ta’ Awissu 2001, kien ittiehed ghas-saldu, dikjarazzjoni, li kif rajna aktar 'il fuq, ma naqqset xejn mid-dritt tas-socjeta` attrici li tirreklama ammonti addizzjonali.

Dan l-aggravju ghalhekk jidher gustifikat.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell principali tas-socjeta` konvenuta appellanti qed jigi michud mentri dak incidentali tas-socjeta` attrici qed jigi akkolt b'mod li s-sentenza appellata qed tigi konfermata inkwantu kkundannat lis-socjeta` konvenuta thallas l-ammont hemm indikat u inkwantu jirrigwarda l-ispejjez, u riformata inkwantu s-socjeta` konvenuta qed tigi bl-odjerna sentenza kundannata thallas lis-socjeta` attrici l-imghax ta' tmienja fil-mija (8%) fuq l-ammont likwidat, u dan mil-10 ta' Awissu, 2001. L-ispejjez ta' dan l-appell, fic-cirkostanzi, ghandhom jigu kollha sopportati mis-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------